TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Maria Carmela Scicluna

vs

3 Group - Dario Azzopardi

CCT 31/17/MS

Illum 19 ta' Gunju 2017

It-Tribunal

Ra l-avvizipprezentat mir-rikorrenti fis-6 ta' Frar 2017 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' sittin Euro (€60.00) li hija hallset lill-intimat ghal servizz ta' installazzjoni ta' programm u service charge meta dan ma kienx mitlub minn qabel u di piu is-servizz ma kienx qed jahdem kif suppost.

Ra n-notifiki fejn l-intimat kien debitament notifikat.

Sema lir-rikorrenti.

Ra illi l-intimat Dario Azzopardi baqa' ma deherx u ma ta l-ebda raguni ghan-nuqqas ta' dehra tieghu.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti Maria Carmela Scicluna xehdet li ghall-habta ta' bidu tas-sena 2017 kienet semghet diversi riklami fuq ir-radju minghand l-azjenda 3Group immexxija mill-intimat ghall-installazzjoni b'xejn ta' Microsoft 10. Effettivament giet mitluba hlas ta' €49.00 ghall-pakkett kollu u li jkollhom bzonn tlett ijiet biex dan jigi installat. Peress illi r-rikorrenti qaltilhom li ma setghetx toqghod minghajr il-laptop taghha u ma kellhiex bzonn il-pakkett kollu izda biss Microsoft Office, giet infurmata li f'dak il-kaz, il-hlas kellu jkun €35.00 u kienu ser jibghatulha technician biex jinstalla il-pakkett ghandha d-dar. L-ebda menzjoni ghal hlas ta' technician ma sar f'dak l-istadju.

Illi t-technician gie ghandha fil-14 ta' Lulju 2016 u f'hames minuti, il-pakkett gie installat u talabha ukoll hlas ta' €25.00 ghal home visit illi kellha thallas. Irrizulta pero' illi dan il-pakkett ma setghetx tuzah ghax kull darba li ppruvat tidhol fih kien jitla' *pop-up* ighidilha li kellha bzonn *product key* u x'aktarx li l-installazzjoni kienet wahda frawdolenti. Ghalhekk ma reditx aktar ikollha x'taqsam ma' dan is-servizz ipprovdut mill-intimat.

Minkejja illi ghamlet diversi talbiet ghal hlas lura tal-flus li nefqet, dan baqa' ma sarx u kellha tadixxi dan it-Tribunal.

Ikkunsidra

Peress illi l-intimat ma dahhal l-ebda risposta ghat-talba tar-rikorrenti it-Tribunal irid joqghod fuq il-versjoni guramentata moghtija mir-rikorrenti. Din il-versjoni hija wahda verosimili li t-Tribunal ma jsib l-ebda raguni il-ghala ghandu jiddubitaha. Mhemmx dubju li r-rikorrenti giet sgwidata bir-riklam maghmul mill-intimat fejn l-ewwel irriklama installazzjoni b'xejn, imbaghad talab il-hlas ta' installazjoni u aktar hlas meta din saret fid-dar personali tar-rikorrenti. Dan tal-ahhar kien hlas mohbi peress li qatt ma ssemma mill-intimat, la fuq ir-radju u l-anqas personalment dirett mar-rikorrenti. F'dawn ic-cirkostanzi it-Tribunal jidhirlu li l-intimat agixxa in mala fede meta rriklama haga u ta xi hag'ohra u heba hlasijiet biex dak li jkun jithajjar jinnegozja mieghu biex imbaghad jinfaccjah bi spejjes addizzjonali. Biex ma nghidu xejn dwar il-prodott innifsu li seta' kien illegali peress li r-rikorrenti giet imwissija illi seta' kien hekk mill-istess programm.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimat li jirrifondilha s-somma ta' sittin Euro, bl-ispejjes kontra l-intimat.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru